# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2704

Kaz Numru 3706/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Connie Ciantar (0450481M)

U

Mario Attard fil-kapacita'
tieghu personali
u ezercitanti kummerc
'Pick 'n Save'.

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 29 ta' Jannar, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 14 ta' Dicembru, 2018 permezz ta' l-avukat Dr Martha Mifsud f'isem Connie Ciantar

li kienet qed tghamel uzu mis-servizz ta' l-ghajnuna legali . Minn naha l-ohra is-sur Mario Attard irrisponda fid-29 ta' Jannar, 2019 permezz ta' l-avukat Dr David Farrugia Sacco.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddecidi il-kaz fil-perjodu stipulat mill-ligi minhabba id-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrenti s-sinjura Connie Ciantar kienet impjegat fl-20 ta' Settembru, 2016 mis-sur Mario Attard bhala "shop assistant" fil-hanut tal-merca tieghu 'Pick 'n Save' fuq kuntratt ta' xoghol full time indefinit. Nhar il-15 ta' Settembru, 2018 l-impjieg tas-sinjura Ciantar kien terminat b'mod li hi tiddeskrivih bhala ingust. Ghalhekk hi ma kellha ebda alternattiva ghajr li tiftah kawza kontra s-sur Attard quddiem dan it-Tribunal. Id-data tal-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg li dahlet ghand il-JobsPlus taqra it-30 ta' Settembru, 2018.

Minn naha l-ohra, s-sur Mario Attard sid tan-negozju 'Pick 'n Save' jiddeskrivi kif hu kien japprezza x-xoghol tar-rikorrenti fejn anki ghal darbtejn kien zieda fil-paga. Huwa jispjega li hu qatt ma' kecca xi impjegati li kienu jahdmu mieghu u wisq anqas kecca lis-sinjura Ciantar. Anzi hu jispjega kif bla raguni ta' xejn is-sinjura Ciantar abbandunat il-post tax-xoghol u ma' resqet qatt iktar lejn ix-xoghol. Ghaldaqstant jichad l-allegazzjoni ta' tkeccija ngusta tas-sinjura Ciantar.

It-Tribunal kellu jikkonsidra d-diversi fatti u cirkostanzi biex jiddetermina jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-sinjura Ciantar kienx wiehed premeditat li allura jista' jikkostitwixxi rizejna mill-impjieg jew kienitx tkeccija u fil-kaz jekk din saritx skond il-ligi kap 452.

**Fatti tal-Kaz u konsiderazzjonijiet**

1 Performance fuq il-post tax-xoghol

Ir-rikorrenti kienet impjegata exemplari "Kienet tajba hafna" qalilna s-sur Attard - seduta 12 ta'Lulju, 2019. In fatti kien zieda fil-paga darbtejn, fit-12 ta' Novembru, 2016 u fis-7 ta' Jannar, 2017. Minn rwol li tnaddaf u tistiva l-ixkaffef imxiet ghal rwol li s-servi lin-nies u tghamel xoghol ta' kaxxiera. Aktar tard it-Tribunal sema kif is-sinjura Ciantar anki kienet tghamel ordnijiet ghax-xoghol ghal hanut u tmexxi n-negozju wahidha anki meta il-kollega taghha Maria Cherret kienet bil-leave tal-mard fit-tul u anki meta s-sur Attard kien ikun insiefer.

2 Il-kwistjoni ta' l-impjieg full jew part time

F'Jannar ta' 2018 is-sinjura Ciantar riedet tohrog self mill-bank biex tixtri karozza u talbet il-payslips u l-FS3 lis-sur Attard biex tipprezenthom lil bank. Ghal habta ta' nofs Frar ghaddihomla pero meta pprezentathom il-bank, dawn gibdulha l-attenzjoni li s-self ma' setax johrog ghaliex kienet imnizzla fil-karti li pprezentat bhala impjegata 'part time' u mhux 'full time'. Meta

kkonfrontat lis-sur Attard dwar din id-diskrepanza, t-twegibha kienet nieqsa minn kull gustifikazzjoni u minflok is-sur Attard ghazel li jghati twegibha kompletament irrelevanti "Ghaliex dak li tkunu tixtiequ, triduh mal-ewwel" - dikjarazzjoni tal-kaz tas-sinjura Ciantar datat 1 ta'Frar, 2019. Xi zmien wara s-sur Attard kien taghha lis-sinjura Ciantar dokumenti ohra li permezz taghhom setghat tohrog is-self mill-bank.

It-Tribunal jinnota li s-sur Attard kien dahal sewwa fil-kwistjoni ta' jekk is-sinjura Ciantar kienitx impjegata 'full' jew 'part time'. Infatti kellu jipproduci t-tieni set ta' dokumenti dwar l-istatus ta' impjieg tas-sinjura Ciantar biex tkun tista tohrog is-self. Fl-istess hin it-Tribunal jinnota kif is-sur Attard meta mistoqsi fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020 pagna 13 ghar-raguni li fl-ewwel verzjoni tax-xhieda tieghu kien qal li mpjegha bhala 'part time' u wara qal li mpjegha 'full time', r-risposta tieghu kienet ambigwa ghall-ahhar, "mhux ha nghidlek iva jew le, ma niftakarx". Pero minn naha l-ohra s-sur Attard xehed li hu kien ihallasha ta' 'full time'. It-Tribunal jinnota inkonsistenzi f'dawn ir-risposti u ghalhekk mhumiex kredibbli u jghati ragun lis-sinjura Ciantar li tibda tissuspetta li l-amministrazzjoni ta' l-impjieg taghha minn naha ta' min ihaddimha ma' kienitx ghal kollox sewwa.

3 <u>Id-dritt ghal kundizzjoni tajba fuq il-post tax-xoghol</u>

## 3.1 FS3s u payslips

L-atti ftit li xejn juru li il-kwistjonijiet li nqalghu bejn is-sur Attard u s-sinjura Ciantar kienu dwar il-performance ta' l-impjegata, izda hafna izjed dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol. Li impjegat jinghata l-FS3 u il-payslips fil-hin mhux xi pjacir imma dritt tal-haddiem. Izda dan ma kienx isir jew ma' kienx isir fil-hin. Ir-rikorrenti tistqarr li l-FS3s li ghandha gabithom minn ghand l-awtoritajiet kompetenti u mhux minn ghand l-employer. L-accountant tas-sur Attard, s-sinjura Antonella Massa fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2019 xehedet li hi dejjem ghaddithom l-FS3s lis-sur Attard izda kkwalifikat li jista' jkun li hu ma kienx itihomlom lil impjegati. Dan l-ghagir imur kontra l-ligi u s-sinjura Ciantar kellha d-dritt kollu li titlobhom l-FS3s u il-payslips minn ghand l-employer taghha.

## 3.2 Leave tal-vaganzi

Il-leave tal-vaganzi huma ukoll dritt mghoti mill-ligi. Il-fatt li s-sinjura Ciantar kienet tahdem wahidha fil-hanut ghaliex il-kollega taghha kienet fuq leave tal-mard fit-tul u s-sur Attard kellu mpjieg full time il-Mater Dei kien jghamilha difficli hafna biex is-sinjura Ciantar tieghu l-leave taghha.

Kienet ragunata hafna s-sinjura Ciantar meta ssuggerit lis-sur Attard biex tiehu l-leave taghha ezatt wara li tidhol mill-leave tal-mard il-kollega taghha. It-Tribunal isibha stramba ghaliex is-sur Attard ghandu jsibha difficli biex jiehu suggeriment bhal dan u minflok jghid li il-leave li ma jittiehidx, jintilef. Is-sinjura Ciantar ippruvat tispjega bil-kelma t-tajba li il-leave huwa dritt u hu

bhala employer ghandu l-obbligu li jipprovdih u kien jghamel sens meta hi ssuggerit lis-sur Attard icempel 153 biex jiehu l-informazzjoni korretta. Kienet ukoll korretta meta pprezentatlu il-kopja tal-ligi dwar il-leave.

Ir-risposta tas-sur Attard kienet "haw gew tieghi u l-ligijiet naghmilhom jien". S-sur Attard ma setax ikun aktar zbaljat minn hekk ghaliex zmien il-fewdu ilu li ghadda u s-sur Attard irid jopera skond il-ligi tal-pajjiz li tobbligah isewgi regoli tax-xoghol jekk irid li jinghata il-privelegg li jimpjega lil-terzi.

### 3.3 Imgieba korretta u etika fuq il-post tax-xoghol

Is-sinjura Ciantar uriet li dejjem hadet puzizzjonijiet favur in-negozju, billi ma insistitx biex tieghu l-leave tal-vaganzi meta s-sur Attard ma kellux b'min jirriplasja, billi qamet ghall-okkazzjoni u mexxiet wahidha meta l-kollega kienet fuq leave tal-mard fit-tul, anki meta s-sur Attard kien imsiefer u tat pariri lis-sur Attard biex icempel lis-suppliers biex jitratta xi diffikultajiet dwar pagamenti pendent. Barra minn hekk s-sinjura Ciantar uriet assertivita' fejn jidhlu d-drittijiet taghha fuq il-post tax-xoghol u kull darba li tkellmet ma' l-employer taghha, uriet li taf l-affarijiet kif imorru u pproducit evidenza.
Sens ta' responsabilta' u kontribut effettiv bhal dan jimmerita gharfien u nkoraggiment u zgur mhux dizrispett u atteggjament aggressive bhal ghajjat u anki kliem hazin - seduta 6 ta' Dicembru, 2019 pagna 13.

L-istess atteggjament aggressive ntwera mis-sur Attard meta sab li il-kunserva kienet mizmuma mis-supplier minhabba xi kwistjoni ta' pagamenti.

S-sur Attard kien inghata il-parir mis-sinjura Ciantar biex icempel lis-supplier u kienet ghazla tieghu li ma ghamilx hekk. Minflok qabad jghajjat fil-hanut u fil-prezenza tal-klijenti, akkuza lis-sinjura Ciantar li ma' ghamlitx xogholha sewwa – dikjarazzjoni tal-kaz tas-sinjura Ciantar datat 1 ta' Frar, 2019. Atteggjament bhal dan huwa zbaljat u meta wiehed jikkonsidra li s-sinjura Ciantar kienet tqila allura imgieba bhal din isir aktar gravi.

Barra minn hekk, li s-sur Attard jkun prezenti fil-hanut meta hu kien qed jirrapporta marid ma' l-employer tieghu, kien qed juri dizrispett serju lejn impjegata tqila, allura fi zmien meta trid toqghod attenta hafna ghal sahhitha u s-sahha tal-hajja il-gdida - seduta 9 ta' Ottubru, 2020. Atteggjament bhal dan huwa 'bullying' u mhux sa jsib il-kenn tat-Tribunal.

Li kieku dan il-kaz kien wiehed ta' constructive dismissal kieku diga hawn evidenza bizzejjed biex it-Tribunal jaqta' favur constructive dismissal imma dan mhux il-kaz. Ghalhekk it-Tribunal kellu jhares lejn ic-cirkostanzi partikolari li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

## 4 Terminazzjoni ta' l-impjieg

Is-sinjura Ciantar kellha certu biza li meta s-sur Attard isir jaf li hi harget tqila, kien sa jkecciha – seduta 9 ta' Ottubru, 2020 pagna 22. Ghalkemm il-biza tas-sinjura Ciantar mhux evidenza li s-sur Attard kien sa jkecciha mix-xoghol, juri pero bic-car li s-sinjura Ciantar ma riditx titlef l-impjieg li kellha u allura indikazzjoni li l-intenzjonijiet taghha kienu li tkompli tahdem fil-hanut.

Barra minn hekk is-sinjura Ciantar sabet ruhha f'sitwazzjoni prekarja meta spiccat mix-xoghol ghaliex ma' kelliex alternattiva; "Eqq! Dak iz-zmien ippanikkjajt tliet xhur tqala laqqas paga, la haga u aqqas ohra. Hallini hekk lampa stampa" – seduta 9 ta' Ottubru, 2020 pagna 26. It-Tribunal josserva li dan mhux diskors ta' min qed jippjana li jitlaq ix-xoghol u huwa wisq improbabbli li mara tqila tipprova tibdel ix-xoghol meta diga ghandha tliet xhur tqala.

It-Tribunal jinnota ukoll li anki wara li s-sur Attard, nikkwota lis-sinjura Ciantar; "ghamilli storja shiha qabel, kien bid-deni, jghajjat mieghi quddiem in-nies u jwaqqani" - seduta 9 ta' Ottubru, 2020 pagna 28, s-sinjura Ciantar dejjem zammet id-dekor taghha u fil-messagg taghha l-ghada fil-ghodu fuq il-mobajl fon kien wiehed rispettuz lejn l-employer taghha. Atteggjament bhal dan juri car li l-intenzjoni tas-sinjura Ciantar kien li tiehu dak li bi dritt hu taghha u mhux li timbarka fuq xi glieda ma' min ihaddimha.

Fit-13 ta' Settembru, 2018 is-sinjura Ciantar talbet gurnata vaganza li s-sur Attard kien approva. Hi marret l-ufficcju ta' l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali biex tieghu parir dwar il-granet ta' leave taghha. Gabret l-informazzjoni u marret biha ghand is-sur Attard biex tikkonvincih dwar id-dritt taghha ghal leave tal-vakanzi. It-Tribunal josserva li persuna li qieghda tipprova tfiehem bil-kelma t-tajba lil-employer taghha biex jghatiha dawk id-drittijiet legittimi dovuti, huwa sinjal li dak l-impjegat qed jipprova jsib bilanc fuq il-post tax-xoghol biex jibqa' u mhux jitlaq.

Pero huwa rappurtat fl-atti li s-sur Attard "rvilla" seduta 9 ta'Ottubru, 2020 pagna 25. Is-sinjura Ciantar xehedet li hu qal "hadd qatt ma marli jirrappurtani" - seduta 9 ta' Ottubru, 2020 pagna 25. It-Tribunal jistqarr li s-sinjura Ciantar kienet qed tipprezenta lis-sur Attard il-fatti tal-kaz u ghalhekk jekk is-sur Attard ma' kellux minn xiex jibza' seta sema dak li kellha xi tghidlu s-sinjura Ciantar u jirranga l-izball tieghu.

Dan m'ghamlux u minflok beda jidghi u qal lis-sinura Ciantar "Issa ha nkeccik". Is-sinjura Ciantar xehedet li vverifikat mieghu jekk dak li kien qed jghidilha kienx minnu u wara li qalilha tliet darbiet "itlaqli 'l barra" hi telqet u marret lura l-ufficcju ta' l-impjiegi r-relazzjonijiet industrijali. Meta lestit indunat li kien ghadd kellha fuqha c-cwievet tal-hanut u dak il-hin rritornat il-hanut biex taghtihom lis-sur Attard. Meta waslet staqsit ghac-cekk ta' l-ahhar gimgha u ghamilulha pero ma' kien hemm xejn iktar kliem bejnithom, anqas ma' omm is-sur Attard li kienet prezenti fil-hanut - seduta 9 ta' Ottubru, 2020 pagna 25.

Il-verzjoni tas-sur Attard kienet differenti. Huwa xehed li ma jafx kif gie l-argument dwar il-leave tal-vakanzi pero spjega fid-dettal li hu jimxi fuq dak li tghidlu l-accountant u kien sa jikkonsulta maghha. Hu jirrapporta li l-ghada fil-ghodu s-sinjura Ciantar ipprezentatlu il-karti dwar il-leave – "ghadni niftakar qisu l-lum" seduta 12 ta' Lulju, 2019 pagna 6. Hu kompla li s-sinjura Ciantar 'qisu' bdiet targumenta u telqet il-barra, bla kliem u bla sliem. Hu cempel lil-accountant tieghu u qallha "nahseb telqet hu?" u ordna lil-

accountant s-sinjura Antonella Massa biex tibdilha n-notice - seduta 12 ta' Lulju, 2019 pagna 6. S-sur Attard jixhed li hu rega' sema' biss minn ghand is-sinjura Ciantar permezz ta' telefonata biex kif jispjega hu "theddu" - seduta 12 ta' Lulju, 2019 pagna 6.

It-Tribunal isib il-verzjoni tas-sinjura Ciantar kredibbli ghaliex hi zammet b'mod konsistenti il-verzjoni taghha tul il-process kollu, fil-waqt li x-xhieda tas-sur Attard kienet hafna drabi generika u anki evaziva. Is-sinjura Ciantar tat dettalji relevanti, argumentazzjoni logika u realistika fejn il-memorja qatt ma fallitiha kuntrarjament ghas-sur Attard li il-memorja fallitlu fuq punti l-aktar saljenti.

**Decizjoni**

Wara li t-tribunal ezamina u evalwa id-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddecidi li r-rikorent s-sinjura Connie Ciantar kienet terminata mix-xoghol ingustament u ghalhekk mhux skond il-ligi.

**Kompens**

Is-sur Mario Attard fil-kapacita' tieghu personali u ezercitanti kummerc 'Pick 'n Save' ihallas b'kumpens lis-sinjura Connie Ciantar fi zmien tliet xhur minn din id-data is-somma ta' €5,980 (hamest elef, disa mija u tmenin euro).

L-ispejjez tal-kawza taz-zewg partijiet huma a karigu ta' l-intimat igifieri is-sur Mario Attard.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada

Chairperson